MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 116/2000/1

**Paul Micallef**
**vs**
**John Mifsud**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**
B'rikors ipprezentat fl-20 ta' Settembru, 2000 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ir-rikorrent Paul Micallef ippremetta li huwa jikri lill-intimat il-fond adebit bhala hanut numru 18, Rue D'Argens, Msida, versu l-kera ta' LM200 fis-sena, jithallas kull sena bil-quddiem, l-ahhar skadenza ghalqet fit-13 ta' Dicembru, 1999; illi l-intimat kiser il-kondizzjonijiet lokatizji billi ssulloka u/jew ceda l-fond lil terzi u dana minghajr il-kunsens tas-sid; ghalhekk talab li l-Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond fuq imsemmi u li jiffissa lill-intimat terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tieghu minnu.

Fl-20 ta' Ottubru, 2000 l-intimat ipprezenta r-risposta tieghu fejn issottometta illi:-

1. ir-rikors huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma kiser l-ebda kondizzjoni tal-lokazzjoni kif regolata bl-iskrittura tal-15 ta' Frar tal-1984.
2. illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent fir-rikors fl-ismijiet premessi, l-esponent ma ghamel ebda assenjazzjoni tal-fond mertu tar-rikors odjern u sahansitra l-istess fond ghadu jintuza ghall-istess skopijiet li nkera u cioe` bhala "hairdresser's salon".

Wara diversi differimenti waqt liema kienu instemghu diversi provi tal-kontendenti, l-intimat, fis-16 ta' Novembru, 2001, ipprezenta rikors fejn informa lill-Bord li kien qed jipprezenta risposta ulterjuri cioe` b'zieda ma' dik tal-20 ta' Ottubru, 2000, u talab li dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri jigu trattati u decizi skond il-ligi u dan taht kull provediment li joghgbu jimponi l-istess Bord.

B`risposta tas-26 ta' Novembru, 2001, u ghar-ragunijiet hemm moghtija, ir-rikorrent oppona l-akkoljiment tat-talba kontenuta fl-istess rikors.

**Is-sentenza appellata**
B'sentenza tat-2 ta' Mejju, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera cahad it-talba (ta' l-intimat) maghmula fir-rikors tas-16 ta' Novembru, 2001 u ddiferixxa r-rikors ghall-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-21 ta' Mejju, 2002 fl-10.30 a.m.; spejjez riservati.

**L-appell ta' l-intimat.**
L-intimat hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-2 ta' Mejju, 2002 u tordna li tigi milqughha t-talba tieghu sabiex jipprezenta r-risposta ulterjuri tieghu.

Rat ir-risposta tar-rikorrent appellat.

**Ikkunsidrat:-**

Illi kif sewwa irrileva l-appellat fir-risposta tieghu hemm impediment legittimu ghall-prosegwiment ta' dan l-appell

billi, kif jidher dan l-appell gie irritwalment propost in kwantu jmur kontra dak mahsub fl-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 231 citat jiddisponi hekk:-
*"(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibqa' jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*

*Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza <u>biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh;</u> (sottolinear tal-Qorti), u din it-talba ghall-permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghatha s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza."*

Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-intimat ottempera ruhu ma' din id-disposizzjoni billi la jirrizulta li saret talba dak inhar li inghatat is-sentenza u lanqas ma jidher li hemm rikors kif jinghad fl-Artikolu fuq imsemmi.

Fic-cirkostanzi l-appell huwa irritu u null u din il-Qorti ma tistax tezamina l-meritu ta' l-appell. Konsewgentement tiddikjara l-appell null bl-ispejjez ghall-appellant u tirrimetti l-atti tal-kawza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex din tigi trattata u deciza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------